MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Kevin Cassar, iben Anthony,
imwieled Pieta’ fis-7 ta’
settembru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-16 ta’ frar, 2003 għal ħabta tal-10.15 p.m.
fil-kumpless Galleria, fi Triq Żabbar, Paola volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobb li jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara fuq l-‘Automated Teller Machine’ (ATM) għad-dannu tal-HSBC, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 Tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-27 ta' mejju, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' lulju, 2003 fejn l-imputat ikkonsenja lill-prosekuzz-
joni s-somma ta' Lm196 danni li hu kkawża lill-bank HSBC.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' lulju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kkontra tiegħu. Rat l-artikolu 325(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat hu student, għandu fedina penali netta, ta' eta' żgħira u ħallas id-danni li hu għamel. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------